

Brussell, 16 ta' Jannar 2026
(OR. en)

16405/25

AG 197
INST 428
PE 102
FREMP 379
RELEX 1626
COHOM 188
ECOFIN 1686
POLCOM 370
DEVGEN 229
JAI 1951
COMER 198

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Diċembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 8401 final
Suġġett:	DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta'3.12.2025 dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Daqshekk standards doppji dwar id-drittijiet tal-bniedem"

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 8401 final.

Mehmuż: C(2025) 8401 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.12.2025
C(2025) 8401 final

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 3.12.2025

dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Daqshekk standards doppji dwar id-drittijiet tal-bniedem”

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'3.12.2025

dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Daqshekk standards doppji dwar id-drittijiet tal-bniedem”

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Talba għar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Daqshekk standards doppji dwar id-drittijiet tal-bniedem” ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni fid-9 ta' Ottubru 2025.
- (2) L-għan tal-inizjattiva kif espress mill-organizzaturi huwa li titlob lill-Kummissjoni “tipproponi regolament li jistabbilixxi sorveljanza standardizzata tad-drittijiet tal-bniedem fl-oqsma ta' kompetenza tagħha fl-azzjoni esterna tagħha ma' pajjiżi terzi”. Skont l-organizzaturi, ir-“regolament għandu jiżgura li l-Kummissjoni timmonitorja, tevalwa, u twieġeb għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem b'mod li jkun trasparenti, konsistenti, effettiv, proporzjonat u f'waqt”. L-organizzaturi “jipproponu qafas legali li jippermetti lill-UE ttejjeb l-approċċ tagħha għad-drittijiet tal-bniedem u ssaħħa il-kredibbiltà tagħha fid-dinja billi tissalvagwardja aħjar id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem”. Anness għall-inizjattiva u dokument addizzjonali ppreżentat mill-organizzaturi bħala parti mit-talba għar-reġistrazzjoni tagħhom, jipprovdu aktar dettalji dwar l-isfond, is-suġġett u l-oġettivi tal-inizjattiva.
- (3) Il-Kummissjoni tqis li tista' tadotta proposta għal att legali li jistabbilixxi qafas orizzontali li jippromwovi l-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità tad-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet kummerċjali, fil-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u fil-politika ta' kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika abbażi tal-Artikoli 207, 209 u 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- (4) Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ebda parti mill-inizjattiva ma taqa' manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati.
- (5) Dik il-konklużjoni ma taffettwax il-valutazzjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet sostantivi konkreti meħtieġa biex il-Kummissjoni taġixxi, inkluża l-konformità mal-prinċipji tal-

¹ ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/788/oj>

proporzjonalità u tas-sussidjarjetà u l-kompatibbiltà mad-drittijiet fundamentali, ikunux issodisfati f'dan il-każ.

- (6) Il-grupp ta' organizzaturi pprova evidenza xierqa li huwa jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/788 u ħatar il-persuni ta' kuntatt f'konformità mal-Artikolu 5(3), l-ewwel subparagrafu, ta' dak ir-Regolament.
- (7) L-inizjattiva la hija manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja u lanqas ma tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew kontra d-drittijiet minqixin fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (8) L-inizjattiva intitolata “Daqshekk standards doppji dwar id-drittijiet tal-bniedem” għandha għalhekk tiġi rreġistrata.
- (9) Il-konklużjoni li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2019/788 huma ssodisfati, ma timplikax li l-Kummissjoni b'xi mod jew ieħor tikkonferma l-korrettezza fattwali tal-kontenut tal-inizjattiva emendata, li hija r-responsabbiltà unika tal-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva. Il-kontenut tal-inizjattiva jesprimi biss il-fehmiet tal-grupp ta' organizzaturi, u bl-ebda mod ma jista' jitqies li jirrifletti l-fehmiet tal-Kummissjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Daqshekk standards doppji dwar id-drittijiet tal-bniedem” għandha tiġi rreġistrata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini intitolata “Daqshekk standards doppji dwar id-drittijiet tal-bniedem”, irrappreżentat minn Faryda HUSSEIN u Erol AKDAG li jaġixxu bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Brussell, 3.12.2025

Għall-Kummissjoni
Maroš ŠEFČOVIČ
Membri tal-Kummissjoni